MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 929/2009

**Neil Camilleri (ID173878M)**

**vs**

**Nicholas Gatt**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ l-Attur qed jitlob il-hlas ta' elfejn, tlett mija, tmienja u sittin Ewro (€2,368.00c) bhala bilanc ta' prezz ta' xoghol li sar fi Triq San Anton, Birgu u li tlesta f'Ottubru 2009. Dan il-*quantum* gie wara precizat ghal-elfejn, tlett mija, tlieta u sebghin Ewro (€2,373.30c) (ara *fol* 46). Mal-AVVIZ hemm *a fol* 2 karta, mhiex datata, li tispjega dan ix-xoghol u hi firmata mill-kontendenti. Fuq wara tal-karta hemm imnizzla zewg hlasijiet, bil-firma tal-Konvenut. Hemm ukoll *a fol* 3-6 lista ta' hlasijiet lill-Kunsill Lokali, Birgu – kollha maghmula mill-Attur barra wiehed li sar mill-Konvenut.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

1) Il-Konvenut m'ghandu jati xejn billi l-Attur kiser il-ftehim, sal-lum ma wettaqx ix-xoghol miftiehem u dak li sar mhux skond is-sengha u l-arti.

2) Il-Konvenut sofra danni u qed jipprezenta kontro-talba.
3) Jekk saru xi xoghlijiet, dawn ga thallsu
4) Jekk saru xi xoghlijiet oltre dan, l-ammont mitlub hu esagerat.

**Ra** l-KONTRO-TALBA tal-Konvenut fejn talab li l-Attr jigi kundannat ihallsu tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin Ewro sitt centezmi (€3,494.06c) ghal danni sofferti u spejjes ta' xoghlijiet rimedjali u dana minhabba *inter alia*, inadempjenza, dewmien u abbandun tal-inkarigu moghti lill-Attur.

**Ra** r-RISPOSTA ghall-kontro-talba fis-sens li din hi nfondata ghax ix-xoghol sar skont l-istruzzjonijiet moghtija lilu u skont l-arti u s-sengha.

II PROVI

1. Dawn t'hawn huma biss siltiet mill-provi u ghalhekk wiehed ghandu jhares ukoll lejn il-provi kollha migbura fil-process.

2. **L-Attur** qal li hu kompla xoghol fuq haddiehor. Kellu jwaqqa kamra u saqaf u jtella mill-gdid u xi lavur. Dana skond ftehim – ara *fol* 2. Wara t-tlestija il-Konvenut mar mal-perit u qallu li kollox sew. Cahad li ghamel xi hsara fil-propjeta' tal-Konvenut. Fittxu li jittransigu u ghal dak il-ghan kien lest ilesti xi rqaqat izda l-Konvenut beda jzid. Mar l-Ghassa jirraporta lill-Konvenut wara li fuq il-post dan heddu. *A fol* 32 hemm elenku tax-xoghlijiet u prezz.

3. *A fol* 38 *et seq* hemm esibit affidavit tal-Attur li fih fis-sustanza, sostna dak li xehed u spjega l-kontenut tal-elenku msemmi u li hu *a fol*32. Spjega li fil-kors tax-xoghol htieglu jhallas permessi lill-Kunsill. Fix-xoghol kien jghinu Glenn Camilleri. Ix-xoghol spiccah f'Settembru 2009. Fil-prezenza tal-perit tal-Attur hu ried li ssir karta (li dwarha kien ga ftiehem mal-Konvenut) dwar il-pendenzi tal-hlas bejniethom izda t-twegiba kienet tkun "issa naraw". Spiccaw ma ftehmux u spicca bir-rapport fl-Ghassa li ga semma.

4. **Glenn Camilleri**, bl-affidavit *a fol* 40 sostna fis-sustanza dak li qal l-Attur li ssuccieda waqt li kien ghaddej ix-xoghol.

5. **Il-Perit Joseph Borg Grech** ikkonferma li x-xoghlijiet li jidhru fil-kuntratt *a fol* 2 fil-fatt saru. Ma jiftakarx dwar xi dettal. Kien iltaqa mal-partijiet fuq il-post u ftehmu dwar xi xoghlijiet oltre dawk *a fol* 2 – ara lista *a fol* 44, li saret bi qbil bejn il-partijiet. Hadd ma qallu li ma kienx kuntent bil-lista.

6. **Il-Konvenut** ressaq l-affidavit *a fol* 51-53. Qal li l-fond fil-Birgu kien ta' bintu Mariella Gatt li tghix barra u x-xoghlijiet mehtiega fil-fond hadilha hsiebhom hu. Semma li kellu esperjenza fix-xoghol u kien qabbad lill-Perit Claire Vassallo. Qal li fir-rigward tal-hlas ghall-permessi tal-Kunsilli, l-attur qatt ma qallu li kellhom jithallsu minnu i.e. il-Konvenut.

**7.** Hawn issir referenza ghal aktar dettalji li hemm fl-affidavt u ghar-rapport li sar kontrih fl-Ghassa tal-Birgu. Semma wkoll dewmien fix-xoghol. Qal li kien insista mal-Attur li jlesti xoghlijiet li skond il-Perit Vassallo ma sarux tajjeb.

8. Wara li nfethet il-kawza, ipprova jasal fi ftehim. Fis-27/3/2010 saret laqgha bejn il-kontendenti u z-zewg periti u "konna qbilna dwar ix-xoghlijiet li kellhom isiru minnu qabel jien nghaddi biex inhallas il-bqija tal-ammont" – ara Dok NG2 *fol* 53 – ara wkoll *fol* 54-60. Ser ikollu jqabbad lil haddiehor ghal xoghol rimedjali.

9. **<u>Il-Perit Claire Vassallo</u>** xehdet u elaborat fuq id-Dok *a fol* 53 u bhala Dok NG 3 esibiet stima ta' xoghlijiet indikati fid-Dok NG2. Hi ma kienetx involuta fl-iskrittura *a fol* 2. Qatt ma marret fuq il-post meta l-attur kien ghaddej bix-xoghol. Hawn issir riferenza ghax-xhieda dettaljati tal-Perit Vassallo, senjatament id-Dok CV *a fol* 73 *et seq*.

10. **<u>Il-Konvenut</u>** hawn sostna li l-istima tal-Perit *a fol* 73 – 75 saret bi qbil bejn iz-zewg periti. Dana ghal xoghol rimedjali u l-ammont hu €1867.00c inkluza VAT. Wara dan hu gie kontro-ezaminat – ara *fol* 112-113.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL jirregistra li sab utli hafna n-NOTA ta' SOTTOMISSJONIJIET li ressqet kull naha.

2. Jigi notat li ghakemm il-fond li fih saru x-xoghlijiet hu ta' bint il-Konvenut, din qatt ma ttrattat mal-Attur. Ghall-kuntrarju, quddiem l-ATTUR iwiegeb il-Konvenut.

3. It-TRIBUNAL jinnota li l-Perit Claire Vassallo (tal-Konvenut) ma kienetx issegwi x-xoghol bhalma kien jaghmel il-perit Joseph Borg Grech. Dan iccertifika li x-xoghlijiet *a fol* 2 saru u li hu kien iltaqa mal-partijiet fuq il-post.

4. Dwar il-pretensjoni tal-Konvenut li l-hlas tal-permessi tal-Kunsill Lokali, Birgu kellhom isiru mill-Attur, ghalkemm dwar dan ma tkellmux, hi asserzjoni gratuwita'. Il-Konvenut ser jigi li jkun qabbad tlieta minn nies wara xulxin. Ghogbux ix-xoghol tat-tielet wiehed ma nafux.

5. It-TRIBUNAL jinnota li l-Konvenut qed jippretendi li hemm spiza ta' €3,494.06 ghal xoghlijiet li jqis rimedjali jew li ma sarux mill-Attur waqt li l-perit Vassallo fid-Dok CV tasal ghal €1,847.00c.

6. Wara li qies kollox, it-TRIBUNAL ihoss li l-Attur hu gustifikat fit-TALBA tieghu ta' €2,373.30 b'dana izda li ghal xi nuqqasijiet dan il-*quantum* jigi

*arbitrio boni viri* ridott ghal €1,700. Fl-istess waqt il-Kontro-Talba tigi michuda, konformement ma dan.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jilqa** t-TALBA attrici biss fil-*quantum* ta' elf u seba' mitt Ewro €1,700.00c u jichadha dwar il-bqija u (2) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-Konvenut in kwantu mhux kompatibbli ma dak deciz favur it-TALBA (3) **jordna** lill-Konvenut biex ihallas lill-Attur il-*quantum* ta' €1,700 fi zmien ghoxrin jum mil-lum, b'dana li jekk il-hlas shieh ma jsir fit-terminu msemmi jibda ghaddej l-imghax mil-lum stess sal-jum tal-pagament effettiv; u dwar il-KONTRO-TALBA (4) **jaccetta** l-eccezzjonijiet tal-Attur Rikonvenut in kwantu kompatibbli ma dak ga hawn deciz u bl-iestess mod biss u (5) **jaccetta** l-KONTRO-TALBA ghall-ammont biss tal-*quantum* imnaqqas minn dak mitlub fit-TALBA tal-Attur u jichadha ghall-bqija. Dwar spejjes hu (6) **deciz** li dawk tat-TALBA u tal-KONTRO-TALBA mehuda flimkien jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mill-Konvenut Rikonvenjent u in kwantu ghal terz mill-Attur Rikonvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------